# Ex-Voto fis-Santwarju Tal-Madonna tal-Mellieħa







Wegħda magħmula mis-Sur Salvatore Lotard, passiġġier fuq l-Ixprunara msemmija "Sta. Genueva" meta nqabdu f'tempesta kbira, b'baħar għoli u b'riħ qawwi mill-Grigal, hekk kif kienu ankrati bejn il-gżira jew ponta ta' Capopassero u n-naħa ta' ġewwa. B'miraklu kbir tal-Beatissima Verġni rabtu sew quddiem u l-ankra għax kieku ġew nieqsa dawn kienu jkunu f'periklu kbir li jitkissru fuq is-sikka, nhar l-20 ta' Settembru 1812. Il-wegħda saret u l-grazzja nqalgħet. Il-kwadru hu taż-żejt fuq l-injam u l-qies tiegħu hu 51ċm x 30ċm.

Erbat iqlub ilkoll tal-fidda mogħtija lill-Madonna tal-Mellieħa fil-bidu tas-Seklu 20 wara wegħdi diversi li sarulha u wara li nqalgħu l-grazzji mitluba.

L-ewwel qalb mogħtija minn Gio Maria Borg nhar it-23 ta' Awwissu, 1911. VFGA, it-tieni qalb mogħtija minn Giovani u Spira Rizzo minn La Goulette fit-Tuneżija fl-1906. VFGA, it-tielet qalb mogħtija minn Maria Vella fl-1912. VFGA u l-aħħar qalb mogħtija minn Maria Anna Sammut fl-1910. VFGA.